**14 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

**Caterina Bonello et**

*versus*

**Giuseppe Lanzon**

**Mutwu — Użufruttwarji u Eredi — Kapital u Imgħax.**

*L-użufruttwarji għandhom dritt jitolbu l-ħlas lura ta' somma misluta permezz ta' kuntratt mingħajr ma jkun hemm bżonn illi l-eredi jkunu preżenti fil-ġudizzju; la darba l-użufruttwarji għandhom dritt jirċievu l-krediti użufruenti għandhom id-dritt jaġixxu għar-riskassjon tagħhom.*

*Id-dritt Ruman kien jillimita l-ħlas ta' l-imgħax sal-ammont tal-kapital anke jekk il-ħlas ta' l-imgħax isir f'diversi drabi, iżda*

*l-liġi tagħna tillimita l-ammont ta' l-imgħax mhux imħallas sal-ammont tal-kapital.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-atturi — wara li ppremettew illi Raffaele Psaila in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tad-disgħa (9) ta' Mejju, 1935, kien silef lill-konvenut is-somma ta' elf lira (£1000) li kellhom jiġu restitwiti fi żmien sentejn mid-data tal-att, flimkien mal-interessi tal-ħamsa fil-mija (5%) li kellhom jitħallsu semestralment b'lura (Dok "A"); u li l-istess Raffaele Psaila in forza ta' kuntratt tal-istess Nutar tat-tletin (30) ta' Marzu, 1936, kien silef lill-istess konvenut is-somma ta' mija u erbgħin lira (£140) li kellhom jiġu restitwiti fi żmien sentejn mid-data tal-att flimkien mal-interessi tal-ħamsa fil-mija (5%) li kellhom jitħallsu semestralment b'lura (Dok. "B"); u li għaddew iżjed minn tliet snin mill-ġurnata li l-imsemmija żewġ kuntratti setgħu jiġu esegwiti; u li l-konvenut għamel pagamenti akkont tal-ewwel kapital ta' elf lira (£1000) u ħallas parti mill-interessi u għalhekk fadallu jagħti għas-saldu tal-kapital, seba' mija u ħamsa u sittin lira, xelin u disa' soldi (£765.1.9) u għas-saldu tal-interessi relativi sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu, 1963, tliet mija u tmenin lira, xelin u tliet soldi £380.1.3.); u li l-konvenut m'għamel l-ebda pagament mis-self tal-kapital ta' £140 u l-anqas mill-interessi relativi — talbu li huma (1) jiġu awtorizzati li jesegwixxu l-kuntratt tal-mutwu fuq indikat fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tad-disgħa (9) ta' Mejju, 1935, biex jottjenu l-pagament ta' elf, mija u ħamsa u erbgħin lira u tliet xelini (£1145.3.0) in kwantu għal £765.1.9 għas-saldu tal-kapital ta' £1000 u in kwantu għal £380.1.3 għas-saldu tal-interessi relativi sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu, 1963, bl-interessi tal-ħamsa fil-mija (5%) fuq £765.1.9 mit-tletin (30) ta' Marzu, 1963, sal-pagament effettiv; (2) jiġu awtorizzati li jesegwixxu l-kuntratt fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tat-tletin (30) ta' Marzu, 1936, biex jottjenu l-pagament ta' mija u erbgħin lira (£140) mislufa lill-konvenut bl-interessi tal-ħamsa fil-mija

(5%) mill-ġurnata tal-att sal-pagament effettiv, f'somma li ma teċċedix il-kapital — u dana nonostante li għaddew aktar minn tliet snin;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Illi — fir-relazzjonijiet bejn l-eredi ta' Raffaele Psaila u l-użufruttwarji tiegħu, dawna tal-aħħar jista' għandhom id-dritt li jirċievu l-kreditu użufruwiet, iżda fir-rapporti mal-esponent, meta d-*debitu huwa kontrattwali, hemm bżonn tal-pre*żenza tal-eredi fil-ġudizzju, għaliex l-eredi biss jistgħu jagħtu l-kunsens għar-riduzzjoni jew kanċellament tal-ipoteki li jikkawtelaw il-krediti reklamati.

Illi di fatti, f'okkażjoni ta' pagamenti preċedentiment magħmula, dawna saru bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, *lill-esekuturi testamentarji tad-decuius, li kellhom*, a tenur tad-degriet analogu, jiddepositaw il-parti tal-kapital riċevuta fil-bank tal-Gvern salvi d-drittijiet tal-eredi jkunu kawtelati — u, f'okkażjoni ta' pagament ieħor posterjuri, deħru l-eredi, fuq l-att, u kienu huma li taw surroga ta' drittijiet;

Għalhekk jeċepixxi bir-rispett kollu li l-proċess mhux integru.

Subordinatament, fil-meritu, l-eċċipjent m'għandux jagħti s-somma kollha mitluba iżda ammont ħafna inferjuri, kif spjegat aħjar fid-dikjarazzjoni unità u kif jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

*Salvi* eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semgħat id-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-atturi (fol. 17) li biha ddikjaraw illi dwar l-ewwel domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni huma kellhom jieħdu fil-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1959, għas-saldu tal-kapital, £577.6.3 u s-somma ta' £268.16.0 imgħax tal-5% u għalhekk barra dan il-bilanċ ta' kapital kellhom jieħdu £368.1.6 imgħax sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu, 1963, salvo l-ulterjuri imgħax tal-5% fuq l-imsemmi bilanċ tal-kapital mit-tletin (30) ta' Marzu, 1963, 'il quddiem sal-pagament effettiv; u konsegwentement irriduċew it-talba għal £577.6.3 saldu kapital ta' £1000 u għal £368.1.6 saldo imgħax relativ sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu, 1963, bl-imgħax tal-5% fuq £577.6.3 mit-tletin (30) ta' Marzu, 1963, sal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ddikjara illi dwar l-ewwel kapital kien jaqbel mal-atturi illi l-bilanċ tal-kapital dovut kien fl-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1959, ta' £577.6.3 u l-imgħaxijiet kienu jammontaw għal £268.16.0 peress illi kien sar pagament ta' £308.10.3 akkont ta' imgħax li kien laħaq il-kapital dovut (jiġifieri £577.6.3.) però dwar l-imgħax ma kienx jaqbel mal-atturi għaliex kienu jippretendu illi ma kellux jiddekorri iżjed, peress illi la darba l-imgħax kien laħaq il-massimu dovut, kien ikun aħjar għalih kieku ma ħallas ebda akkont milli ħallas £308.10.3. — Dwar it-tieni kapital iddikjaraw illi ma kellhom ebda osservazzjoni x'jagħmlu però jirrilevaw illi l-kapital ta' £140 seta' jipproduċi £140 oħra imgħax u għalhekk id-dovut hu ta' £280 kollox;

Għalhekk fuq il-quantum bejn il-partijiet m'hemmx ebda kwistjoni ħlief dik dwar l-imgħax fuq l-ewwel kapital, peress illi l-konvenut jippretendi illi la darba fil-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1959, l-imgħax relativ kien laħaq il-massimu permess mil-liġi huwa għandu iħallas biss il-bilanċ dovut sa dak innhar biss ċioè £268.16.0., u m'għandux jiddekorri ebda imgħax ulterjuri. Il-Qorti ma tistax taqbel ma din il-pretensjoni. Jekk

fid-dritt Ruman kien hemm dispożizzjoni illi kienet tillimita l-ħlas tal-imgħax sal-ammont tal-kapital anke jekk isir f'diversi drabi, skond il-Novelle 121 u 138 ta' Giustiniano, dawn id-dispożizzjonijiet ma kellhomx applikazzjoni f'dawn il-Gżejjer, a differenza tal-liġi 27 Cod di Usuris li tillimita l-ammont tal-lukri mhux imħallsa sal-ammont tal-kapital dovut, dispożizzjoni illi dejjem baqgħet in vigore fis-sistema tagħna. Qalet infatti l-Qorti tal-Appell in re "Pace Balzan vs. Muscat" 27 ta' April, 1883 kollez. Vol. X, p. 129: "che, sebbene le disposizioni contenuti nelle Novelle di Giustiniani Nri. 121 e 138 per cui col pagamento, anche in più volte, d'una somma di lucri e quali a quella del capitale l'obbligazione dei lucri s'estingueva non erano stati adottati in queste isole, quella però della L.27 cod dei Usuri. ecc. ecc." Il-pretensjoni tal-konvenut appunto tammonta għal dan illi ma jistgħux isiru pagamenti f'diversi drabi, ta' lukri eċċedenti l-kapital;

Għalhekk it-talba kif ridotta tirriżulta provata anke dwar l-imgħax;

Tikkunsidra dwar l-ewwel eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru u li ma ġietx rinunzjata mill-konvenut, ċioè illi fir-rapport mal-konvenut, hemm bżonn tal-preżenza tal-eredi fil-ġudizzju, billi l-atturi huma użufruttwarji biss, għaliex l-eredi biss jistgħu jagħtu l-konsens għar-riduzzjoni jew kanċellament tal-ipotetiki li jikkawtelaw il-kreditu reklamat; illi din l-eċċezzjoni m'hix sostenibbli: la darba l-użufruttwarji għandhom dritt jirċievu l-krediti użufruiti għandhom d-dritt jaġixxi għar-riskassjoni tagħhom: id-debitur li jkun ħallas għandu d-dritt dejjem illi jitlob ir-riduzzjoni jew kanċellament ta' ipotiki relativi, u l-eredi proprietarju ma jistax jirrifjuta li jagħmel dan; jista' forsi d-debitur isib xi diffikoltà illi jagħmel il-pagament jekk ma jottenix fuq l-att ir-riduzzjoni jew il-kanċellament, iżda dana jirrigwarda studju posterjuri għal din il-kawża, u ma jirrigwardax l-awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni tal-att tal-mutwu kontra d-debitur;

Għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni illi l-ġudizzju mhux integru u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Tilqa' t-talba tal-attur kif ridotta bin-nota a fol. 16/17 u konsegwentement tawtorizza l-esekuzzjoni tal-kuntratt tal-mutwu fl-atti ta' Nutar Giovanni Azzopardi tad-disgħa (9) ta' Mejju, 1935 għall-ammont ta' £577.6.3 u għall-imgħax ta' £368.1.6 sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu, 1963 salvo l-imgħax ulterjuri sal-pagament effettiv tal-imsemmi bilanċ, kif ukoll l-awtorizzazzjoni tal-kuntratt l-ieħor tat-tletin (30) ta' Marzu, 1936 fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi għall-kapital ta' £140 u imgħax, bl-interessi relativi tal-ħamsa fil-mija (5%) mill-ġurnata tal-att sal-pagament effettiv f'somma li ma teċċedix il-kapital: Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.